**20 ta' Novembru, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Il-Maestà tar-Reġina

*versus*

Pawlu Brincat

**Att tal-Akkuża — Nullità — Korruzzjoni ta' Minuri.**

*Illi ġurisprudenza illi mhux biżżejjed, biex eċċezzjoni preliminari tiġi ritenuta bħala każ li għad-definizzjoni tiegħu l-Qorti Kriminali trid tkun komposta kolleġjalment, illi l-akkużat jikkwalifika l-kwistjoni bħala eċċezzjoni ta' nullità tal-att tal-akkuża, imma hu meħtieġ, biex il-Qorti komposta minn Imħallef wieħed tkun tista' tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' fatt li jiġi allegat kontra l-att tal-akkuża u tirrimetti d-deċiżjoni tal-kwistjoni quddiem il-Qorti kolleġjali, illi l-istess Qorti tkun soddisfatta u persważa illi d-difett allegat ikun jimporta realment, almenu "prima facie", eċċezzjoni ta' nullità tal-att tal-akkuża. Hemm bżonn li jirriżulta soddisfaċentement, qabel dik ir-remissjoni, illi, supposta r-realtà u eżistenza tad-difett, għandha ssegwi d-dikjarazzjoni tan-nullità tal-att tal-akkuża, u mhux rimedji oħra.*

*Jekk lill-akkużat jiġi attribwit fl-ewwel kap tal-att tal-akkuża li huwa kkorrompa persuna minorenni, u fit-tieni kap illi bl-istess atti u fl-istess żmien u fl-istess post bħal dawk tal-ewwel kap hu kkorrompa persuna minuri oħra, ma*

*tammontax ghal eċċezzjoni ta' nullità tal-att tal-akkuża l-kwistjoni sollevata mill-akkużat fis-sens illi kien imissu jiġi dedott reat wieħed f'kap wieħed, fuq l-allegat motiv illi r-reati dedotti jikkostitwixxu reat uniku. F'dan il-każ ma jeżistix il-presuppost meħtieġ biex ikun jittratta minn eċċezzjoni ta' nullità tal-att tal-akkuża; għax l-allegati soġġetti passivi huma different minn kap għall-ieħor, tant fil-persuna kemm fl-aggravanti tal-età, u tikkostitwixxi punt ta' fatt, rimess bil-liġi lil ġurati, ir-riċerka jekk, fuq direzzjonijiet ta' liġi li tagħti l-Qorti, jikkonkorrux mill-provi r-rekwiżiti ta' reat uniku fil-konfronti ta' kull eventwali reat subordinat.*

Il-Qorti:— Rat l-att tal-akkuża nru. 9306, fejn l-imsemmi Pawlu Brincat huwa akkużat, fl-ewwel kap li fl-4 ta' Ottubru 1958, jew ġurnata oħra viċina, f'post publiku jew espost għall-publiku, ikkorrompa b'attijiet żiena lill-minuri Carmela Schembri, u fit-tieni kap li fl-istess żmien u post indikati fl-ewwel kap huwa kkorrompa bl-istess atti lill-minuri ta' taħt it-tnax il-sena Evelyn Azzopardi;

Rat in-nota tal-akkużat li biha preliminarment eċċepixxa n-nullità tal-att tal-akkuża fuq il-motiv li kien imissu jiġi dedott reat wieħed f'kap wieħed, billi, kif hu jippretendi, ir-reati dedotti jikkostitwixxu reat uniku;

Rat in-nota tal-Avukat tal-Kuruna Anzjan, li biha rrispinġa bħala nfondata l-eċċezzjoni tal-akkużat;

Ikkunsidrat;

Kif hi ġurisprudenza ta' din il-Qorti, mhux biżżejjed, biex eċċezzjoni preliminari tiġi ritenuta bħala każ li għad-definizzjoni tiegħu l-Qorti trid tkun komposta kolleġjalment, illi l-akkużat jikkwalifika l-kwistjoni bħala eċċezzjoni ta' nullità tal-att tal-akkuża, imma hu meħtieġ biex il-Qorti komposta minn Imħallef wieħed tkun tista' tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' fatt li jiġi allegat kontra l-att tal-akkuża u tirrimetti d-deċiżjoni tal-kwistjoni quddiem il-Qorti kolleġjali, illi l-istess Qorti tkun soddisfatta u persważa illi d-difett allegat ikun jimporta realment, almenu "prima facie", eċċezzjoni ta' nullità tal-att tal-akkuża.

Hemm bżonn li jirriżulta soddisfaċentement, qabel dik ir-*remissjoni, i li, supposta r-realtà u eżistenza tad-difett,* għandha ssegwi d-dikjarazzjoni tan-nullità tal-att tal-akkuża, u mhux rimedji oħra;

Dan il-presuppost ma jeżistix fil-każ preżenti, fejn l-allegat soġġett passiv hu differenti minn kap għall-ieħor, tant fil-persuna kemm fl-aggravanti tas-supposta età, u tikkostitwixxi punt ta' fatt, rimess bil-liġi lill-ġurati, ir-riċerka jekk, fuq direzzjonijiet ta' liġi li tagħti l-Qorti, jikkonkorrux mill-provi r-rekwiżiti ta' reat uniku fil-konfronti ta' kull eventwali reat subordinat;

Peress li, għalhekk, ma hemmx lok għar-remissjoni quddiem *il-Qorti kolleġjali tal-kwistjoni sollevata*;

Tordna li l-proċess jgħaddi għall-istadji ulterjuri quddiem din il-Qorti kif komposta b'Imħallef wieħed; salv lill-akkużat li jissolleva fid-difiża tiegħu fil-meritu kull kwistjoni opportuna.

**Tmiem tal-Ewwel Sezzjoni**
**tar-Raba' Parti**
**tal-Volum XLII.**